MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1011/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance plc u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Emanuel Scerri a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Emanuel Scerri**

**Vs**

**Clive Busuttil**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu s-somma ta' Lm138.50c (mija u tmienja u tletin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Il-konvenut pprezenta Risposta fejn qal li ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni.
Joseph Scerri xehed li dakinhar ta' l-incident kien qed isuq il-vettura assigurata mad-ditta attrici u meta gie vicin il-garaxx tieghu sab vettura pparkjata biswit ir-rampa. Scerri qal:

"Allura jiena hrigt ftit fuq il-lemin tieghi biex inkun nista' ndur ghal gol-garaxx….bil-fors kelli nohrog ftit 'il barra qabel ma nidhol gol-garaxx. Imbaghad fil-hin li kont diga' kwazi bi dritt il-garaxx smajt *brake* qawwi u karozza dahlet go fija mix-xellug tieghi."

Joseph Scerri qal li ma kienx jaqbel ma' l-iskizz ghaliex kien hemm wisq distanza bejn il-karozza tal-konvenut u l-karozza pparkjata. Fil-kontro-ezami Scerri qal li meta hareg 'il barra ma qabizx nofs it-triq. Hu jghid li fir-ritratt jidher li kien f'nofs it-triq ghaliex dak il-hin beda jiddritta biex jevita l-habta. Hu qal li dawwar l-i*steering* fuq il-lemin biex jevita l-habta. Scerri qal ukoll:

"Jiena nghid li harist warajja qabel m'ghamilt il-manuvra. Jiena harist fil-mera tan-nofs…….jiena rajt id-dawl ta' karozza 'l boghod hafna minni. Ma niftakarx jekk dakinhar kellix indicator…….meta hrigt kien hemm bizzejjed spazju biex tghaddi karozza bejn il-karozza pparkjata u jiena."

Il-konvenut xehed li kien qed isuq il-vettura Opel Corsa EAA 774 kien sejjer fid-direzzjoni tax-Xghajra wara Hyundai hadra. Busuttil qal li kif wasal qrib il-garaxx tieghu, tal-Hyundai minghajr indicator ghafas fuq il-lemin tat-triq. Hu baqa' tiela' izda l-Hyundai li kien telaq lejn il-lemin f'daqqa wahda rega' dar fuq ix-xellug u hbatna. Hu kellu hsara fuq il-bumper u girfa fuq quddiem filwaqt li tal-Hyundai kellu hsara fil-mudguard u l-bumper ta' quddiem u dan fuq in-naha tax-xellug.

Mill-iskizz u mir-ritratti jirrizulta li Scerri ried jidhol fil-garaxx tieghu u dar fuq ix-xellug tieghu. Il-konvenut qal li ra lil Scerri idur fuq il-lemin u ghalhekk baqa' sejjer imbaghad f'daqqa Scerri rega' dar lejn ix-xellug.

Illi skond ir-regolamenti tat-traffiku:

"Before changing direction either to the left or right, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror." (199 Highway Code).

"Do not swing out to the right before turning left or vice versa." (197 Highway Code).

Illi Joseph Scerri qal li dar fuq il-lemin qabel ma gie biex idur fuq ix-xellug tieghu. Hu qal li ra vettura warajh izda kkalkula 'l boghod. Qal li ma jiftakarx jekk kienx uza l-indicator.

Illi qabel ma dar fuq ix-xellug Scerri kellu l-obbligu li jara li m'hemmx karozzi warajh. Hu qal li ra vettura ohra izda kienet 'il boghod. Meta ddecieda li seta' jdur ghamel kalkolu hazin tad-distanza u ta' l-i*speed* tal-vettura warajh. Mill-iskizz jidher li Scerri mar *wrong side* qabel il-habta u dan sabiex ikollu spazju biex idur. Illi anki jekk wiehed jiehu nofs it-triq mill-gemb tal-karozzi pparkjati fuq ix-xellug Scerri spicca f'nofs it-triq. It-Tribunal ma jemminx li rega' mexa lejn il-lemin meta nduna li l-karozza kienet gejja ghal fuqu.

Illi l-incident gara ghaliex Scerri mexa lejn il-lemin u mbaghad qabel ma dar lejn ix-xellug naqas li joqghod attent ghall-karozzi warajh. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------